**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 22 ta` Ottubru 2015**

**Rik. Nru. 139/2011 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija**
**Advance Shipping Limited**
**(C18421) li kienet xjolta**
**bi provvediment ta` din il-Qorti**
**tas-16 ta` Mejju 2011**

**Il-Qorti :**

Rat l-atti li pprezenta l-istralcjarju.

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` dan il-procediment.

Rat l-atti l-ohra.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

U billi huma sodisfatti l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386, qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija Advance Shipping Limited (C18421) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

U tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Advance Shipping Limited (C18421).

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**